MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 7/2005

**Alison Fiorentino**

**vs**

**Dragonara Casino Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Marzu, 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors f' isem Allison Fiorentino fir-Registru tal-Qorti Superjuri datat 11 ta' Lulju 2003 minn Nutar Owen Bonnici fejn qieghed jghid illi ma kienx hemm kawza gusta fit-terminazzjoni ta' l-impieg taghha skond il-ligi u

ghaldaqstant talab li l-kaz taghha jinstema minn dan it-Tribunal.

Ma’ dan il-kaz gie pprezentat Rikors iehor f’ isem Sharon Fiorentino minn Nutar Owen Bonnici liema kaz hu identiku fil-fatti kollha. Il-partijiet qablu illi nvista ta’ l-identita assolouta taz-zewg kazijiet ghandhom jinstemghu flimkien u li tinghata decizjoni ndividwali ghal kull kaz.

L-appellanti Alison u Sharon Fiorentino kienu assistiti mill-Avv Karmenu Mifsud Bonnici u n-Nutar Owen Bonnici aktar ‘il quddiem jissejhu l-appellanti. Id-Dragonara Casino Limited, aktar ‘il quddiem tissejjah is-socjeta, kienet rapprezentata mis-Sur Anthony DeGiovanni HR Manager u Ms Fleur Farrugia HR Manager assistiti mill-Avv Andrew Borg-Cardona.

It-Tribunal zamm tnax-il seduta.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellanti fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghhom invista illi fiz-zewg kazijiet kienu identici qalu illi fl-24 ta’ Frar 2000 gew impjegati mas-socjeta ultimata bhala *Dealer* ghal zmien definit skond il-kuntratti li gew iffermati bejn iz-zewg partijiet nhar l-24 ta’ Frar 2000 u sussegwentement fil-31 ta’ Awissu 2000. Illi eventwalment ir-rikorrenti gew offruti promozzjoni ghal *Dealer 1*, liema pozizzjoni giet accettata. Fit-30 ta’ Dicembru 2000 dahlu f’ kuntratt ta’ impieg iehor mas-socjeta intimata ghal zmien definit ta’ tnax-il xahar. illi ma’ l-iskadenza ta’ dan il-kuntratt ta’ impieg, ir-rikorrenti gew, *ex lege,* impjegati fuq bazi indefinita mas-socjeta intimata fil-kariga ta’ *Dealer 1*. Illi fis-16 ta’ Mejju 2003 huma rcevew *“Notice of Termination”* referibbli ghal ittra li kienu kitbu fil-11 ta’ Mejju 2003. Illi hu car u manifest li fl-ittra taghhom tal-11 ta’ Mejju 2003, ir-rikorrenti ma kellhomx intenzjoni li jwaqqfu jew jitterminaw l-impieg taghhom mas-socjeta konvenuta.

Is-socjeta fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi l-appellanti Ms Alison u Ms Sharon Fiorentino fl-1 ta’ Marzu 2000 gew imharga u mpjegati bhala *Dealer 2* fuq kuntratt definit ghal

tliet xhur minn u ma’ l-intimati. Illi fl-1 ta’ Gunju 2000 huma kienu offruti jkomplu fl-impieg fuq kuntratt ghal zmien sena biex jahdmu *part-time* waqt li jkunu qed jattendu l-Universita u *whole time* matul ix-xhur ta’ Lulju, Awissu u Settembru meta ma jkunux jattendu l-Universita. Fl-1 ta’ Dicembru 2001 kienu offruti u accettaw kuntratt iehor fuq l-istess bazi ghal zmien sena. F’April 2003 talbu biex ma jkunux *rostered* f’ xoghol f’ Mejju u gharrfu lill-intimati li kienu ser jibdew l-ezamijiet nhar is-6 ta’ Gunju 2003 u ghalhekk ma setghux jattendu ghax-xoghol ghal xi gimghat.

Nhar il-5 ta’ Mejju 2003, minhabba li l-intimati ma semghu xejn dwar jekk ir-rikorrenti kienux lesti jahdmu *whole time* wara l-ezamijiet, kitbulhom biex jghidulhom x’ kienu ser jaghmlu. Fl-istess xahar ir-rikorrenti kitbu lura u nfurmaw lill-intimati li kienu lesti jahdmu f’ Lulju u Awissu izda mhux f’ Settembru.

Minhabba li l-arrangamenti kuntrattwali tar-rikorrenti dejjem kienu illi meta ma jkunux l-Universita jridu jahdmu *whole time* sa l-ahhar ta’ Settembru, minhabba li fis-sajf l-intimati jkollhom bzonn hafna impjegati, ma kienx accettabbli ghall-intimati li wara li ppermettew lir-rikorrenti li ma jahdmu xejn fi zmien meta kellhom l-ezamijiet jippermettulhom ukoll li ma jahdmux meta ma jkunux jattendu l-Universita matul l-aktar zmien li jkollhom bzonnhom.

Ghalhekk nhar is-16 ta’ Mejju 2003 l-intimati kitbu biex jgharrfu lir-rikorrenti li kkunsidraw l-ittra taghhom bhala *“avviz ta’ temm ta’ l-impieg b’ rizenja”.* Ir-rikorrenti kitbu nhar l-20 ta’ Mejju 2003 biex jghidu lill-intimati li kienu lesti jahdmu wkoll f’ Settembru izda *part-time.*

Nhar it-22 ta’ Mejju 2003 l-intimati kkonfermaw li kienu tterminaw l-impieg taghhom ghaliex l-*availability* ta’ l-appellanti ma kienux jaqblu mal-htigijiet taghhom. Fit-28 ta’ Mejju 2003 ir-rikorrenti regghu kitbu biex jghidu li issa bidlu l-ideja u kienu lesti jahdmu *whole time* anki fix-xahar ta’ Settembru.

Dan kien zmien meta l-intimati bdew jahdmu biex jimpjegaw persuni godda bhala *Dealers* li jkunu lesti jahdmu maghhom s-sajf kollu.

**Provi**

Xehed is-Sur Anthony DeGiovanni, *Human Resources Manager,* qal illi l-appellanti gew impjegati bhala *Trainee Dealers* u wara saru *Dealers.* Bdew f' Jannar 2000. Kellhom kif jispiccaw l-ezamijiet ta' l-Universita f' Gunju jahdmu *whole-time* f' Lulju, Awissu u Settembru. Kellhom kuntratt definit li kien jiggedded kull sena. Ix-xhud sostna li s-socjeta ma keccithomx izda rrezinjaw.

Qal illi l-appellanti kienu kitbu ittra fejn talbu li ma setghux jahdmu f' xi *weekends* u illi kienu se jibdew l-ezamijiet tal-Universita fis-6 ta' Gunju sat-22 ta' Gunju 2003 u illi sejrin ikunu *available* biex jahdmu sal-ahhar ta' Awissu; qal wkoll illi b' din l-ittra skludew li jahdmu f' Settembru meta f' dan ix-xahar ma jkollhomx Universita, meta kienu obbligati bhal ma dejjem ghamlu mas-socjeta li jahdmu *whole-time* fix-xhur tas-sajf sa l-ahhar ta' Settembru.

Is-socjeta talbithom ghat-tieni darba jikkonfermaw illi m' humiex ser jattendu ghax-xoghol matul ix-xahar ta' Settembru. Is-socjeta kitbitilhom fejn gew mgharfa illi qed iqisu din l-ittra illi huma qeghdin jitterminaw l-impieg taghhom.

Fl-20 ta' Mejju 2003 is-socjeta rcevew ittra minghand l-appellanti fejn qalu illi issa huma lesti li jahdmu anki f' Settembru kollu *whole-time* mhux *part-time.*

Xehed Stephen Thornton, *Senior Manager,* ilu fil-pozizzjoni minn Frar 1999 responsabbli ghal Casino *gaming tables, revenue,* il-protezzjoni tal-propjeta tas-socjeta u *r-revenue* generali *mill-gaming tables.* Qal illi ghandhom numru ta' *part-timers* li whud minnhom huma studenti Universitarji. L-uzu ta' studenti Universitarji hu ta' hafna beneficcju ghall-operazzjoni ghax huma jistghu jkunu *available* meta jkun il-*peak period* li hu, il-*Christmas, New Year* u l-*Easter* u l-perjodu tas-sajf meta jkun hemm

influss ta' turisti u domanda kbira tal-lokal. Qal li l-appellanti hadmu fis-snin 2000, 2001 u 2002, u qal illi "with very few exclusions, they worked full-time, for most of those summers."

Fis-sena 2003 kitbu ittra bla data lis-Sur Barbara (Dok. AD1) fejn gew mitluba biex jghatu aktar dettalji ghal meta ma jistghux jahdmu u d-dati ta' meta se jkunu *available.* Ghas-socjeta xoghol fil-*week-end* hu importanti ghax hu *peak period* anki barra mill-istagun tas-sajf. Minhabba li jkunu jridu jippreparaw ir-*rosters* ikunu iridu jafu d-dettalji ta' meta l-impjegati jkunu *available.* Ghaddew diversi ittri bejn l-appellanti, is-Sur Barbara u s-Sur Degiovanni.

Is-Sur Thorton qal li ma kienux kuntenti illi biddlu l-*availability* taghhom mis-snin ta' qabel. Minhabba f' hekk sabu ruhhom li ma setghux jghamlu l-pjan sewwa ghal perjodu ta' Settembru. Kuntrarju ghal qabel l-appellanti kienu jghatu avviz tajjeb hafna ta' l-*availability* taghhom izda sfortunatament ma kienx l-istess din is-sena. Qal illi kellhom ukoll studenti Universitarji ohrajn illi hadmu *part-time* matul is-sajf.

Xehed Joseph Barbara, *Gaming Manager,* ilu sitt snin fil-kariga, responsabbli ghall-*gaming floor* u r-*rosters* tal-istaff. L-istaff hemm min hu *full-time,* hemm il-*part-time* u hemm grupp ta' studenti Universitarji li jahdmu *part-time* waqt l-istudju u kif jispiccaw fil-vaganzi jahdmu *full-time.* L-appellanti kien iridu jahdmu Lulju, Awissu u Settembru *whole-time* u wara jibdlu *part-time* meta jibdew l-istudju, l-istess kien japplika f' Dicembru u fl-Ghid minhabba li dawn huma *peak periods.*

Fir-rigward ta' l-ittra li ma kelliex data li kienu kitbulu kienu talbu xi granet minn Mejju off. Kien kitbilhom ghax ried ikun jaf x' se jigri wara l-ezamijiet minhabba li jkun irid jipprepara bil-quddiem kif se jkun applikat l-i*staff* fir-*rosters.* Kienu bghatulu nota (Dok. AD 3) illi mis 6 sat-22 ta' Gunju ghandhom l-ezamijiet u jkunu *available* mit-23 ta' Gunju sa l-ahhar ta' Awissu. Qal illi s-socjeta minn dejjem kienet stretta hafna ghal *peak periods* ta' Lulju, Awissu u Settembru tant illi kien hemm xi mpjegati ohrajn

li minhabba li ma setghux jattendu kif kien il-bzonn tas-socjeta, intalbu jirrizenjaw. Fuq mistoqsija mid-difensur ta' l-appellanti jekk jiftakarx li kienet imsemmija *l-prattika* f' Settembru, qal illi kienu semmewlu.

Xhud Mariella Galea, *studenta Universitarja,* qalet li hadmet minn Gunju 2000 sa Novembru 2001. Fis-sajf tal-2000 hadmet *part-time* u fis-sajf 2001 hadmet *full-time.* Qalet li dejjem hadmet kif xtaqet hi, dejjem accettaw l-istudju taghha. Kellha *resit* f' Settembru u kien impossibbli li tahdem *full-time* pero kienet inghatat permess.

Xhud Alison Fiorentino, *wahda mill-appellanti,* f' Jannar 2000 bdiet it-training mas-socjeta. F' Marzu 2000 bdiet *part-time* l-ewwel sajf hadmet *full-time.* Fit-tieni sajf kellha l-ezamijiet. F' Lulju kellhom l-orali, kienu kitbu hi u ohta lis-socjeta li ma kienux jistghu jahdmu *full-time* fis-sajf. Is-socjeta ma oggezzjonatx. Kienet infurmat lis-socjeta li kienet se tahdem *full-time* f' Settembru pero riedet issiefer. Avvicinat lis-Sur DeGiovanni spjegatlu li ma tistghax tahdem *full-time* ghax riedet issiefer u ma sabx problema, hadd ma qallha xejn u kompliet tahdem *part-time* f' Settembru. F' Dicembru 2001 is-socjeta tghata promozzjoni minn *Dealer 2* ghal *Dealer 1.* Fis-sajf tas-sena 2002 hadmitu *full-time* indunat li ma kienux qed jghatuha *tips* kemm suppost. Qalet li skond il-ligi ghandhom jghatuha "in direct proportion ma kemm jghatu lil full-timers" Kienet qed tiehu terz, avvicinat lis-Sur DeGiovanni kelmitu u tahom ragun. Sostniet illi din hi r-raguni kollha ghala huma ma ghadhomx jahdmu hemmhekk. Wara li kien ilu jghidilhom tuni ftit zmien u ma kellhomx risposta, ix-xhud u ohta marru kelmu lill-*General Manager,* is-Sur David Gray, qallhom is-sitwazzjoni hekk ha tibqa.

Qalet illi kienu kitbu lis-Sur DeGiovanni u qalulu li jistghu jahdmu Lulju u Awissu izda f' Settembru ma jistghux jahdmu minhabba li riedu jibdew jaghmlu *prattika* ta' *Nutara.* Ir-risposta ghal din l-ittra kienet *"acknowledgement of termination".* Sostniet li hi u ohta bghatu din l-ittra lura lis-socjeta u qalulhom illi fic-

cirkustanzi lesti li jahdmu *full-time* ghax ma riedux jitilfu x-xoghol.

Is-Sur DeGiovanni bghatilhom l-ittra lura u infurmhom illi diga bdew bl-applikazzjonijiet fil-gazzetta biex idahhlu nies godda. Qalet illi huma kienu infurmaw lis-socjeta li lesti li jahdmu f' Settembru *full-time* qabel ma deher l-avviz fil-gazzetta data li kienet fl-1 ta' Gunju.

Xhud Christy Spiteri, *Control Officer,* hadmet fil-Casino mis-sena 2000 sa 2003. Bdiet bhala *Dealer 2* u wara *Dealer 1.* F' Awissu kienet hadmet *full-time* u Settembru kienet hadmet *part-time* ghax kellha xi *resit*. Kienet talbet lis-Sur DeGiovanni u kien ikkoncediela. Fis-sajf 2001 hadmet *full-time* u *part-time* fix-xitwa skond il-kuntratt. Minhabba li kienet qed tistudja l-*accounts* fl-Universita talbet lis-Sur DeGiovanni jekk tistax tahdem *part-time* fis-sajf Lulju u Settembru u *full-time* Awissu. Kemm is-Sur DeGiovanni u s-Sur Barbara kienu accettaw. Hadmet il-*weekends* u l-festi pubblici bhala *part-time.* Is-snin l-ohra li damet hemm hadmet l-istess. Dwar l-obligazzjoni li tahdem *full-time* fis-sajf qalet li tiftakar is-Sur DeGiovanni qalilhom illi idejalment full-time fis-sajf u *part-time* fix-xitwa. Dejjem kien jghidilhom l-istess is-Sur Thorton li huma (is-socjeta) jissaportjaw l-istudju tal-Universita.

Xhud Sharon Fiorentino, *wahda mill-appellanti,* qalet illi hi u ohta kienu qalu lis-Sur Barbara li f' Settembru ghandhom il-*prattika.* Meta sar konfront bejnha u s-Sur Barbara qal illi jista' jkun li semmewhili. Qalet ukoll illi qatt ma semmew *il-prattika* fl-ittra li kitbu ghax kien qalu bil-prattika lis-Sur Barbara.

**Sottomissjonijiet finali**

Is-socjeta tghid illi jekk l-appellanti tkeccewx jew naqsux illi jittemperaw ruhhom mal-obligu li kellhom li jahdmu *full-time* meta kienu obligati li jaghmlu dan. Kien hemm diversi studenti Universitarji li kellhom l-istess impieg. Zewg studenti Universitarji eks-impjegati Mariella Galea u Christie Spiteri xhedu illi kienu jafu li kellhom jahdmu full-time fis-sajf u *part-time* fix-xitwa. Is-socjeta ssostni illi l-

impjegati jkollhom il-kundizzjonijiet bil-miktub ta’ meta jkunu *full-time* u *part-time.* Illi kienet decizjoni unilaterali minn naha ta’ l-appellanti illi jiddeciedu illi l-obligu taghhom kien biss illi jaghtu s-servizz taghhom fuq bazi *part-time* u ddecidew illi m’ humiex jidhlu jahdmu *full-time*.

Bl-agir taghhom illi hadu li ma jattendux ghal dawk il-hinijiet mitluba mis-socjeta gabu lilhom infushom f’ sitwazzjoni fejn addirettura wiehed jghidilhom li abbandunaw l-impieg minghajr ma jinghad li dawn kienu kapriccuzi. Huma jghidu illi avzaw lis-Sur Barbara u li qallhom li kollox sew. Is-Sur Barbara kien il-line manager taghhom pero is-Sur Barbara ma ghandu l-ebda poter li jiddeciedi. Qalu wkoll l-appellanti waqt is-smiegh tal-kaz illi tkeccew ghax ghamlu *claim* biex jithallsu *t-tips* meta skond is-socjeta ma kellha ebda obligu ttihom dawn il-pagamenti. Is-socjeta argumentat illi l-asserzjoni bl-ebda mod ma giet sostanzjata.

L-appellanti qalu illi fis-sajf se jkunu disposti li jahdmu *part-time.* Is-socjeta tghid illi fis-sajf kienu obbligati jahdmu *full-time*. Is-socjeta ma keccithomx imma qaltilhom illi sejra titterminalhom l-impieg mit-tali gurnata, ghaliex ma kienux ippreparati jahdmu *full-time*. Appena gew informati b’ dan, l-appellanti avzaw lis-socjeta qabel ma skada t-terminu li tat is-socjeta illi rrangaw u kienu disposti jahdmu *full-time.* Is-socjeta minkejja li qabel iz-zmien iffissat ghat-terminazzjoni ta’ l-impieg, harget avviz ghall-impjegati godda. Ir-rikorrenti accettaw li huma japplikaw avolja kellhom dik l-esperjenza u s-servizz mas-socjeta. Izda baqghu li ma ntghazlux mis-socjeta. Isostnu illi t-terminazzjoni ma kienetx gusta meta huma accettaw li jahdmu *full-time.*

Ma hemmx gustifikazzjoni illi s-socjeta kienet rinfaccata b’ nuqqas ta’ servizz minn naha taghhom meta accettaw li jahdmu *full-time* qabel it-terminazzjoni ta’ l-impieg. L-appellanti qalu wkoll illi rrizulta mix-xhieda ta’ Mariella Galea u Christie Spiteri illi fil-fatt hadmu fis-sajf *part-time* skond l-esigenza ta’ l-istudju u tal-prattika taghhom. Argumentaw illi la darba huma accettaw li jahdmu u ma jghamlux *il-prattika* l-kwistjoni spiccat, kien ghalhekk illi l-

kwistjoni messa waqfet hemm. Is-socjeta ma kienet qatt gustifikata li tkompli bil-kwistjoni billi tinjora l-fatt li kienu disposti jahdmu *full-time.*

**Kunsiderazzjonijiet**

Kif intqal dan il-kaz huwa dwar zewg ahwa Sharon u Allison Fiorentino it-tnejn studenti Universitarji fil-kors tal-ligi. It-tnejn dahlu jahdmu mas-socjeta fl-istess gurnata u gew terminati mill-impieg fl-istess gurnata. It-tnejn kienu fl-istess grad ta' *"Dealer one".*

Bdew jahdmu mas-socjeta f' Jannar 2000 u gew terminati fis-6 ta' Gunju 2003. Bhala studenti Universitarji kellhom jahdmu *part-time* fix-xitwa u *full-time* fis-sajf meta jispiccaw mill-ezamijiet taghhom. Matul iz-zmien li ghamlu fl-impieg it-tnejn kienu mfahhrin ghax-xoghol taghhom. Matul is-snin hadmu *full-time* fis-sajf kif kien mitlub mis-socjeta kif ukoll skond il-kuntratti tax-xoghol li kellhom. Is-socjeta kull meta kemm lilhom kif ukoll lil studenti ohra kienu jinhtiegu xi tibdil sew *fir-roster, week ends* jew ma jahdmux xi perjodu mill-*peak periods* tas-sajf, dejjem kienet tasal f' arrangamenti sodisfacenti ma' l-individwi kkoncernati.

Il-kwistjoni li waslet ghat-terminazzjoni kienet fis-sajf tas-sena 2003 meta l-appellanti kitbu lis-Sur Barbara fl-11 ta' Mejju 2003 u nfurmawh illi se jkunu *available* ghal *whole-time* fix-xhur ta' Lulju u Awissu meta s-socjeta tobbliga li jahdmu *whole-time* f' Lulju, Awissu u Settembru. Is-socjeta fis-16 ta' Mejju 2003 irrispondiethom ghall-ittra taghhom tal-11 ta' Mejju 2003, infurmathom illi minhabba l-perjodu ta' nuqqas ta' *availability* qeghdin jiehdu l-ittra taghhom bhala *"Avviz ta' Terminazzjoni b' effett mis-6 ta' Gunju 2003."*

L-appellanti qalu li huma tkellmu mas-Sur Barbara u qallhom li kollox sew. Is-Sur Barbara qal illi hu fil-kapacita tieghu qatt ma seta' jawtorizza t-talba taghhom.

L-appellanti fl-20 ta' Mejju 2003 kitbu lill-*Human Resources Manager* fejn qalu li huma sorprizi bid-

decizjoni tas-socjeta. Huma dejjem kull sena li damu mas-socjeta ghamlu talbiet ghal l-*"examination leave".* Qalu li jifhmu li kien hemm nuqqas ta' ftehim u kkonfermaw li huma kienu *available* ghax-xoghol bl-istess mod kif hadmu fit-tliet snin u nofs li kien ilhom mas-socjeta.

Meta l-ewwel darba tkellmu mas-Sur Barbara kull ma kien inkiteb kien nota bla data fejn talbu *leave* ghal qabel l-ezamijiet. Fil-5 ta' Mejju 2003 is-Sur Barbara talabhom jghiduhu meta sejrin ikunu *available* wara l-ezamijiet u talabhom jirrispondu sat-12 ta' Mejju 2003.

L-appellanti rrispondew fil-11 ta' Mejju 2003, qalu illi ma humiex *available* mis-6 sat-22 ta' Gunju u rigward il-*whole-time* ghal-Lulju, Awissu u Settembru sejrin ikunu *available* ghax-xoghol fuq bazi *whole-time* ghal-Lulju u Awissu. Wara din l-ittra fejn huma rrispondew meta sejrin ikunu *available* kif kienu mitlubin jaghmlu, is-socjeta b' ittra datata s-16 ta' Mejju 2003 infurmathom illi bil-konferma taghhom li ma humiex se jattendu ghax-xoghol wara l-5 ta' Gunju 2003 matul ix-xahar ta' Settembru 2003 is-socjeta hadet l-ittra taghhom bhala *"Avviz ta' Terminazzjoni b' effett mis-6 ta' Gunju 2003"*

L-appellanti esprimew is-sorpriza taghhom ghal konkluzzjoni li waslet ghalija s-socjeta li qed jitterminawhom l-impieg. Sostnew illi dan ma kienx il-kaz ghax huma kull sena applikaw ghall-leave biex jaghmlu l-ezamijiet. Rinfaccati b' dan l-avviz ta' terminazzjoni ddecidew illi akkost ta' kollox jissagrifikaw *il-prattika.* Kitbu lis-socjeta fis-16 ta' Mejju 2003 qalu illi la hemm dan in-nuqqas ta' ftehim huma kkonfermaw li huma *available* ghax-xoghol taht l-istess sistema kif hadmu fit-tliet snin u nofs ta' qabel.

Il-*Human Resources Manager,* is-Sur Anthony DeGiovanni fit-22 ta' Mejju 2003 kitbilhom hekk, *"This year you excluded the whole month of September. You may have justifiable reasons for doing this, however our policy does not allow us to continue to offer employment to employees whose availability conflicts with the demand of our business"*

It-Tribunal ra u nnota l-mod kif l-appellanti bhala studenti Universitarji gew impjegati. Ra x' irbit kuntrattwali kellhom skond il-*Contract of Employment* u l-appendici "A1" u "A2" ta' l-istess kuntratt. Jinnota illi ma jirrizultax li l-appellanti kellhom l-obbligu li jahdmu *whole-time* fix-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru u *part-time* fix-xitwa. Ra dak kollu li ntqal mix-xhieda, innota illi d-dirigenti principali tas-socjeta dejjem taw inkuraggiment shieh lill-istudenti Universitarji u laqghu t-talbiet taghhom ghall-ezamijiet, *resits* u prattika kif ukoll xhedu Mariella Galea u Christie Spiteri.

Wara li s-socjeta ma laqghetx it-talba taghhom, l-appellanti kienu lesti li jahdmu fix-xahar ta' Settembru. Accettaw fic-cirkustanzi li japplikaw mal-kandidati godda li kienu se jigu mpjegati mas-socjeta. Irrizulta illi finalment ma gewx maghzula.

It-Tribunal jifhem illi s-socjeta ghandha obbligazzjonijiet stretti ta' xoghol biex tkun tista' tghati s-servizzi mehtiega lill-klijenti taghha. Fehem illi s-socjeta dejjem laqghat it-talbiet ta' l-istudenti Universitarji biex ikunu jistghu jghamlu l-ezamijiet, *resits* u prattika, Jara illi dan il-kaz huwa aktar ta' nuqqas ta' ftehim sew verbali kif ukoll bil-kitba. Ma jirrizultax li kien hemm l-istess sens ta' qbil mis-socjeta kif dejjem sehh sija mal-appellanti stess fis-snin ta' qabel u wkoll ma' studenti ohrajn.

Minghajr ma jidhol fil-proceduri tal-ghazla ghall-impieg gdid, tidhol il-mistoqsija ta' x' seta' eskluda illi z-zewg appellanti ma jigux mghazula ghall-impieg meta dawn kienu diga fl-impieg u taw ix-xoghol taghhom ghan-numru ta' snin? Ma jirrizulta illi ebda referenza ma saret illi kellhom rimarki hziena fix-xoghol taghhom.

Wara li gew ezaminati l-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma wasalx ghall-konvinzjonijiet morali illi l-appellanti naqsu milli jittemporaw ruhhom skond l-htigijiet tas-socjeta b' intenzjoni.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esibiti, ra x-xhieda prodotta u t-trattazzjonijiet finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi illi l-appellanti Allison Fiorentino ma gietx terminata mill-impieg ghar-raguni gusti u sufficjenti skond il-ligi.

L-appellanti ghandha tinghata kumpens fis-somma ta' hamest elef u mitt lira Maltin (Lm5,100) liema somma ghanda tinghata mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data tad-Decizjoni.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' l-1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Is-socjeta` Dragonara Casino Limited timpunja din is-sentenza b' zewg kontestazzjonijiet principali. Fl-ewwel lok, tissottometti illi t-Tribunal mar oltre l-gurisdizzjoni tieghu meta kkonstata illi kien hemm nuqqas ta' ri-impjieg u allura mhux tkeccija. Sekondarjament, tikkontendi illi l-kumpens likwidat jizboq kull norma ta' ragonevolezza u hu wkoll bi ksur tal-linji gwida stabbliti statutorjament. Fl-istess kuntest issostni li t-Tribunal Industrijali ma pprovda ebda motivazzjoni;

Il-Qorti ezaminat l-inkartament tat-Tribunal u tista' tghid li sostanzjalment is-sentenza appellata hi bazata unikament fuq apprezzament ta' provi u fiha ma hemmx hlief apprezzament ta' fatt u soluzzjoni prattika u ekwa tal-kaz li fiha nfisha hi wkoll kwestjoni ta' fatt. F' dan l-apprezzament tal-provi, li bhala tali mhux sindakabbli minn din il-Qorti, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi l-impjieg ta' l-appellata minn mal-kumpanija gie terminat mhux ghar-raguni gusta u sufficcjenti u, konsegwentement, din kien jisthoqqilha tigi kompensata fl-ammont prefiss ta' hamest elef u mitt lira Maltija (Lm5100);

Ma hemmx bzonn jinghad illi biex sentenza tat-Tribunal adit tkun appellabbli, l-appell irid ikun fuq punt ta’ ligi biss [Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452]. A kuntrarju ta’ certi ligijiet ohra, ad exempju l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kapitolu 356) jew fil-kaz ta’ appelli mill-qorti ta’ kompetenza nferjuri fejn l-valur tal-pretensjoni ma jkunx jiskorri mitejn lira [Artikolu 228 (2), Kapitolu 12], il-punt ta’ ligi ma ghandux ghalfejn ikun maqtugh fis-sentenza. Huwa sufficcjenti li l-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni, in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta. Ara decizjoni fl-ismijiet “**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta *nomine***”, Appell Civili, 7 ta’ Mejju 1956 (**Kollez. Vol. XL P I p 137**). Irid jinghad ukoll illi ghad li ma nghatatx l-eccezzjoni ta’ l-inappellabilita` din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt imma wkoll id-dover li tirrilevaha *ex officio* ghax dan hu principju ta’ ordni pubbliku, u l-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Ara “**Gio Andrea Psaila -vs- Emidio Mamo**”, Appell Civili, 16 ta’ Mejju 1966 (**Kollez. Vol. L P I p 197**);

Premessa din l-introduzzjoni, ma jista’ qatt ikun dubitat illi hu kompitu dejjem difficli ghall-gudikant fejn jaqbad jaqta’ l-linja ta’ demarkazzjoni bejn x’ jikkostitwixxi punt ta’ dritt u punt ta’ fatt. Ma tezisti ebda metodologija jew regoli gwida in propozitu. Kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Naturalment il-gudikant irid dejjem joqghod attent illi taht il-parvenza ta’ punt ta’ ligi l-appellanti ma jkunx qieghed, fil-verita, iressaq kritika u kontestazzjoni ta’ l-apprezzament ta’ fatt. Naturalment ukoll jekk din il-Qorti ta’ revizjoni ma taqbelx ma’ l-appellant fuq il-punt ta’ ligi allura ma tkunx tista’ tinoltra ruhha fl-ezami tal-fatti, hlief forsi biex dan taghmlu ghal skop tad-definizzjoni ta’ l-aggravji;

Dan affermat, is-socjeta` appellanti timposta l-ewwel aggravju taghha fuq l-assunt illi t-Tribunal mar oltre l-gurisdizzjoni tieghu, hekk ristretta ghal kaz tat-tkeccija ngusta, u dan ghar-raguni illi fil-fehma taghha t-Tribunal ma sabx li kien hemm tali licenzjament izda nuqqas tar-ri-

impjieg ta' l-appellata meta din regghet applikat ghall-impjieg mal-kumpanija. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax ragonevolment taccetta din is-sottomissjoni. Il-fatti ma humiex in kontestazzjoni u huma dawk kompendjati fl-ewwel parti tad-decizjoni appellata. It-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha wasal ghal konkluzjoni, fil-parti decizorja tas-sentenza, illi l-appellata ma gietx terminata ghar-raguni gusta u sufficcjenti skond il-ligi. Din hija manifestament mera konkluzjoni ta' fatt. Anqas ma jista' jinghad illi biex wasal fiha t-Tribunal mar oltre l-gurisdizzjoni tieghu. It-Tribunal certament qies li kif zvolgew ruhhom il-fatti l-appellata kienet fl-ahhar mill-ahhar accettat li l-perijodu tas-sajf 2003 tahdmu *full-time*. Dan anke jekk f' okkazjonijiet precedenti, trattasi ta' studenta Universitarja, jidher li kien uzwali li jkun hemm certa flessibilita` fil-kuntratt tas-servizz taghha. Ir-riferenza li ghamel it-Tribunal ghan-nuqqas ta' ri-impjieg mill-gdid ta' l-appellata wara li din regghet applikat ma tistax tigi spigolata 'l barra mill-kuntest generali tal-kaz. Dik ir-riferenza u l-kumment dwarha mit-Tribunal saret semplicement biex tirrafforza r-ragonament tieghu illi, gjaladarba kien hemm vakanza, ma kien hemm ebda gustifikazzjoni illi l-kumpanija tittermina l-impjieg meta l-appellata wriet b' mod car l-intenzjoni taghha li tahdem anke *full time* ix-xhur tas-sajf. Jigi allura li t-Tribunal zamm ruhu fil-parametri tal-kontestazzjoni u ma jidherx li biex wasal fil-konkluzjoni finali adopera xi kriterji legali skorretti. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx fl-aggravju l-punt tal-ligi dedott mis-socjeta` appellanti;

Riferibilment ghat-tieni aggravju jibda biex jigi osservat in linea ta' principju generali illi hi prattika kostanti in materja ta' likwidazzjonijiet ta' kumpens, sija jekk si tratta ta' certu rjus ta' danni jew, per ezempju ta' servigi resi, illi Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tat-Tribunal sakemm dik id-diskrezzjoni ma tidherx manifestament zbaljata jew ma jirrikorrux ragunijiet gravi. Ara a propozitu **Kollez. Vol. XLIII P I p 66**;

Jinghad fl-Artikolu 81 (2) (a) ta' l-Att XXII ta' l-2002 applikabbli ghal kaz in ispecje illi "meta jistabilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr gusta kawza <u>kif ukoll cirkustanzi ohra</u> inkluzi l-eta` u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-haddiem";

Issa hu minnu, u fil-fatt ma jista' qatt ikun kontestat, illi kull tribunal ghandu l-obbligu li jaghti r-ragunijiet ghaliex ikun wasal ghad-decizjoni tieghu anke jekk f' dan mhux necessarjament mehtieg li hu jimmotiva tali decizjoni b' riferenza u definizzjoni ta' kull punt ta' fatt u ta' dritt sottomess lilu. Jibbasta li tinghata raguni sufficcjenti ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. Fil-kaz ta' likwidazzjonijiet imbaghad l-entita` tal-kumpens dovut hu dejjem imholli fl-arbitriju diskrezzjonali u prudenzjali ta' min jiggudika;

Id-dispost tal-ligi fuq citat jikkontempla sitwazzjoni fejn it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali li l-impjegat ikun sofra. Ic-cirkostanzi l-ohra fid-dispost specifikati huma intizi biex jissuplimentaw dawn l-istess danni kompensatorji. Mill-atti tal-kaz huwa evidenti illi t-Tribunal illimita ruhu biex jillikwida t-telf ta' dhul ta' sentejn salarju. Fil-hsieb tal-Qorti ma kienx allura mehtieg illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal jinoltra ruhu f' argomentazzjoni elaborata ta' kif wasal ghal tali likwidazzjoni. Biex jinghad kollox, imbaghad, ma jidherx li, fil-kumpless, il-kumpens misthoqq, kif likwidat mit-Tribunal, ghandu jitqies fic-cirkostanzi, ezagerat jew bi vjolazzjoni tad-disposizzjoni tal-ligi fuq espressa jew addirittura bi ksur tal-principju tal-gudizzju ta' l-ekwita`. It-Tribunal jidher li ha in konsiderazzjoni l-fatti rizultanti mill-istruttorja tal-kaz u bl-uzu tal-poter diskrezzjonali moghti lilu mil-ligi ddetermina x' ghandhom ikunu d-danni subiti mill-appellata. Il-Qorti ma thossx allura li l-aggravju fuq dan il-punt ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib li s-sentenza mpunjata tat-Tribunal Industrijali ghandha tigi konfermata u l-appell michud, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------